# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1385/2023 AD**

## PROFESSUR ANTHONY SIVE TONIO BORG (KI 416257M)

**VS**

## UNIVERSITA' TA' MALTA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni illi permezz tagħha r-rikorrent ġie meqjus bħala mhux eliġibbli għall-promozzjoni għall-kariga ta' Professur fi ħdan l-Universita' ta' Malta kinitx *ultra vires* bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) u (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat sitta (6) ta' Diċembru 2023, **<u>il-Prof Anthony sive Tonio Borg</u>** ippremetta:

a. *Illi l-esponenti huwa Associate Professor fid-Dritt Pubbliku fi ħdan il-Fakulta' tal-Liġi tal-Universita' ta' Malta;*

b. *Illi fil-24 t' Ottubru 2022 huwa applika sabiex jiġi promoss għal pożizzjoni ta' Professur;*

c. *Illi għalkemm il-Ftehim Kollettiv għal Staff tal-Universita' ta' Malta 2013-2019 hawn anness u mmarkat bħala "***Dokument AB1***" jitlob li sabiex persuna tkun eliġibbli għal tali promozzjoni trid tkun ilha mill-inqas tmien (8) snin tokkupa l-pożizzjoni ta' Senior Lecturer jew Associate Professor, l-istess Ftehim Kollettiv jipprovdi senjatament* ***fl-Artikolu 26.8c*** *illi: "contribution to University leadership roles, contribution to culture, the economy and society at large, and at the discretion of the Promotions Board these contributions may partially compensate for other criteria.";*

d. *Illi l-Awtorita' Pubblika intimata tramite r-Rettur tal-Unviersita' ta' Malta qiegħda tirrifjuta li tiddikjara eliġibbli l-esponenti għal tali promozzjoni billi qed issostni illi, gialadarba l-esponenti m'ilhux tmien snin iżda biss erba' snin f'tali posizzjoni,* ***awtomatikament*** *mhuwiex eliġibbli għal promozzjoni, u ebda servizz lill-kommunita' in ġenerali u l-Universita' in partikolari ma jista jagħmel tajjeb għal dan il-kriterju taż-żmien meqjus assolut kif jirriżulta miż-żewġ ittri datati 3 ta' Marzu u 10 ta' Lulju tas-sena 2023, hawn annessi u mmarkati bħala "***Dokument AB2***" u "***Dokument AB3***' rispettivament;*

e. *Illi in vista ta' din l-interpretazzjoni skorretta u żbaljata tal-Ftehim Kollettiv surreferit, l-esponenti rrikorra għal għand il-Kummissarju dwar l-Edukazzjoni, ossia il-Prim Imħallef Emeritus Vincent Degaetano, li wara li rċieva sottomissjonijiet kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-istituzzjoni intimata, partijiet f'din il-kawża, ippreżenta r-Rapport tiegħu fit-24 t'Awwissu 2023 hawn anness u mmarkat bħala "***Dokument AB4***";*

f. *Illi l-konklużjonijiet tar-rapport surreferit huma totalment kontra ta' dawk tal-istituzzjoni intimata Unviersita' ta' Malta, fejn l-imsemmi Kummissarju dwar l-Edukazzjoni iddikjara fl-istess rapport b'mod inekwivoku illi l-interpretazzjoni tal-Ftehim Kollettiv kif sottomess mir-rikorrent huwa l-interpretazzjoni ġust u korrett tal-istess ftehim. Illi l-imsemmi Kummissarju żied u irrakkomanda li sett ġdid ta' persuni li jifformaw il-Bord tal-Promozzjonijiet li għandu jiddeċiedi jekk is-servizz li l-esponent ta tul iż-żmien lis-soċjeta' in ġenerali u l-Unvierstia' f'oqsma differenti ipattu għall-fatt li ma ilhux tmien snin, iżda erba' snin, fil-karigi fuq indikati. Illi in oltre, fl-istess waqt il-Kummissarju tal-Edukazzjoni qies li l-aġir tal-Universita' bħala wieħed arbitrarju u li jista' jammonta għal att irraġjonevoli kif previst fl-Artikolu 22(1)(b) tal-Att dwar l-Ombudsman, aggravat bil-fatt li ma ingħataw ebda raġunijiet tajba għal tali deċiżjonijiet ta' rifjut;*

g. *Illi b'ittra datata 15 ta' Settembru 2023, hawn annessa u mmarkata bħala "**Dokument AB5**", l-awtorita' pubblika intimata tramite r-Rettur tal-Universita' ta' Malta, informat lill-Kummissarju dwar l-Edukazzjoni, li l-Universita' ta' Malta kienet qiegħda tirrifjuta li ssegwi, twettaq u toqgħod għar-rakkomandazzjonijiet tal-istess Kummissarju Degaetano, u reġgħet irribadixxiet li l-perjodu ta' tmien snin ma jippermetti ebda eċċezzjoni. Illi għaldaqstant ġie ddikjarat illi "the eight year eligibility criterion cannot be exchanged or otherwise compensated for with professional, political, philantropic or other experience";*

h. *Illi b'ittra datata 11 t'Ottubru 2023, hawn annessa u mmarkata bħala "**Dokument AB6**", il-Kunsill tal-Universita', ossia l-ogħla istituzzjoni skont il-liġi fi ħdan l-Universita' ta' Malta, ddikjarat illi hija qiegħda tirrifjuta li tidħol fil-meritu tal-każ tal-esponenti u dan peress li skont l-istess Kunsill dan ġie delegat lill-Promotions Board, minkejja li l-Ftehim Kollettiv kien jiddisponi illi l-promozzjonijiet isiru mill-Kunsill u minn ħadd iżjed, anki jekk ikun hemm ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet;*

i. *Illi għalhekk l-aġir tal-Awtorita' intimata huwa illegali fis-sens illi (a) ir-rifjut imsemmi fl-aħħar paragrafu jammonta għal eċċess ta' awtorita' billi tali rifjut li jikkonsidra lill-esponent eliġibbli għal promozzjoni ta' Professur tmur kontra provvediment espress tal-Ftehim Kollettiv li jorbotha u li għandha saħħa ta' liġi bejn l-istess Awtorita' u l-impjegati tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) fi kwalunkwe każ, tali aġir jammonta għal abbuż ta' poter ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-istess awtorita' intimata qiegħda tippersisti li irraġjonevolment tinjora il-konsiderazzjonijiet rilevanti a skapitu tal-esponenti, u kif ukoll, (c) hu abbuż ta' poter li l-awtorita' intimata l-Universita' ta' Malta, permezz tal-Kunsill, qiegħda tabdika mir-responsabbilita' tagħha illi tiddeċiedi permezz tal-istess Kunsill kwistjonijiet ta' promozzjonijiet u minflok qiegħda tabbuża mill-proċedura u tiddelega b'mod vinkolanti tali deċiżjoni lill-Bord ta' Promozzjonijiet fuq indikat;*

j. *Illi għalhekk l-esponenti interpella lill-istess awtorita' pubblika intimata l-Universita' ta' Malta, permezz ta' protest ġudizzjarju, kopja tiegħu hawn anness u mmarkat bħala "**Dokument AB7**", iżda l-istess awtorita' baqgħet inadempjenti quddiem it-talbiet tar-rikorrenti;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-awtorita' intimata ossia l-Universita' ta' Malta eċċediet u aġixxiet ultra vires meta irrifjutat li tikkonsidra l-Professur Dottor Tonio Borg bħala eliġibbli għal promozzjoni għal kariga ta' Professur fi ħdan l-istess Universita' ta' Malta, u dan bi ksur tal-Ftehim Kollettiv surreferit għal raġunijiet premessi;*

*ii. Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi l-aġir tal-awtorita' intimata ossia l-Universita' ta' Malta jammonta għal abbuż ta' poter minħabba li injorat il-konsiderazzjonijiet rilevanti fid-deċiżjoni ta' rifjut tagħha kif ukoll għaliex abdikat mir-responsabilita' legali tagħha kif fuq spjegat, u għalhekk tali rifjut hu null u bla effett;*

iii. *Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess awtorita' intimata ossia l-Universita' ta' Malta, hija responsabbli għad-danni li sofra l-istess rikorrenti l-Professur Dottor Tonio Borg, jew li għad jista' jsofri minħabba dan l-aġir illegali tagħha;*

iv. *Tillikwida d-danni hekk kaġunati;*

v. *Tordna u tikkundanna lill-istess awtorita' intimata, ossia l-Universita' ta' Malta, tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;*

Bl-ispejjeż kontra l-awtorita' intimata l-Universita' ta' Malta, oltre imgħax legali;

4. B'rikors datat ħdax (11) ta' Diċembru 2023, ir-rikorrent informa lill-Qorti illi jekk huwa ma jiħux il-promozzjoni għal Professur sat-tletin (30) t'Ottubru 2024, huwa irrimedjabilment u irrevokabilment jitlef l-opportunita' illi jieħu tali promozzjoni, u għaldaqstant talab illi din il-kawża tinstema' u tinqata' b'urġenza. Din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent b'digriet datat tnax (12) ta' Diċembru 2023;

5. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Diċembru 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi u tippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħha in sostenn tad-difiża tagħha, filwaqt illi ordnat lir-rikorrent sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar it-Tlieta, disgħa (9) ta' Jannar 2024;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata dsatax (19) ta' Jannar 2024, il-konvenuta **Universita' ta' Malta** eċċepiet:

   a. *Illi b'mod preliminari, ai termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex applikabbli għall-kwistjoni in eżami u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-każ odjern in kwantu mhix kompetenti tagħmel l-istħarriġ*

*ġudizzjarju mitlub mill-attur stante li l-mod ta' kontestazzzjoni relattiv huwa pprovdut b'mod alternattiv ai termini tal-liġi;*

b. *Illi r-rikorrent iddikjara fir-rikors ġuramentat tiegħu li l-Univerista' intimata wettqet interpretazzjoni skorretta u żbaljata tal-Ftehim Kollettiv għall-istaff tal-istess Universita' u li l-aġir tal-istess Universita' li tirrifjuta li tikkonsidra lir-rikorrent bħala eliġibbli għal promozzjoni ta' Professur tmur kontra l-provvediment espress tal-Ftehim Kollettiv imsemmi. Illi kif qal ir-rikorrent fil-ktieb tiegħu 'Judicial Review of Administrative Action in Malta', sena 2020, paġna 39, "It is also submitted that when a contractual relationship under civil law regulates a relationship between government and John Citizen, it is civil law which regulates such relationship rather than judicial review. This follows also the distinction already referred to between governmental liability and judicial review. Where an action of government possibly falls under some kind of contractual relationship it is private law which regulates the matter just as if any private citizen was party to that relationship rather than the State. Consequently, an action for reimbursement of customs duty paid in excess did not amount to a challenge of the validity of an administrative act. Similarly, a withdrawal of a concession by Malta Transport Authority arising from a contract between the parties was governed by the terms of such contract and did not fall under article 469A."*

c. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, id-deċiżjoni in kwistjoni ttieħdet mill-Universita' intimata b'mod ġust u oġġettiv, fl-ambitu tal-poter tagħha u b'osservanza u bl-interpretazzjoni korretta tal-Ftehim Kollettiv relattiv u tal-liġi, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;*

d. *Illi ai termini tal-klawsola 29.1 tal-Ftehim Kollettiv in kwestjoni, "Applicants are expected to apply for a promotion to the next applicable grade, only after they have assessed themselves and concluded that prima facie they qualify for the desired grade." Il-klawsola 26.8(6) tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi: "Professor (li hu l-grad li għalih applika r-rikorrent): Awarded to Associate Professors following a sustained*

*record of excellent academic work carried out at Senior Lecturer level and Associate Professor Level, of not less than eight (8) years in total for distinction and excellence of academic and professional achievement that is recognised at the international level." Il-Klawsola 28.1 tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi li fit-teħid tad-deċiżjoni dwar promozzjoni, "The following are the criteria to be followed by the Board: (i) Demonstrated Quality in Teaching; (ii) Research Output; (iii) Commitment to the University, outreach, society and the academic profession." Illi għalhekk dawn huma l-kriterji li jridu jiġu kkunsidrati wara li jiġi ddeterminat jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżit meħtieġ ta' mhux anqas minn tmien (8) snin bħala Senior Lecturer u Associate Professor;*

e. *Illi għalhekk, dak li tipprovdi l-klawsola 26.8(d) tal-Ftehim Kollettiv u cioe li l-kontribuzzjoni diretta tal-applikant lill-Universita', lis-soċjeta', lill-kultura u l-ekonomija, tista' tikkumpensa parzjalment għall-kriterji l-oħra, japplika proprju fir-rigward tal-kriterji l-oħra kif elenkati fil-klawsola 28.1 tal-Ftehim Kollettiv u kwindi, kuntrarjament għal dak li qed jippretendi r-rikorrent, ma tikkumpensax għar-rekwiżit tat-tmien (8) snin meħtieġ ai termini tal-istess klawsola 26.8(d);*

f. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, din l-azzjoni mressqa mir-rikorrent ma tistax tintuża minnu bħala tentattiv sabiex jissostitwixxi deċiżjoni meħuda mill-bord tal-promozzjoni – u dan f'kuntest ta' l-applikazzjoni u interpretazzjoni konsistenti tal-provvedimenti rilevanti tal-Ftehim Kollettiv - li wasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti m'huwiex eliġibbli għall-promozzjoni minnu mitluba in kwantu ma jissodisfax il-kriterju ta' tmien (8) snin bħala Senior Lecturer u Associate Professor;*

g. *Illi fi kwaluknkwe każ, ir-rikorrent ma sofra l-ebda dannu;*

h. *Illi għalhekk it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent;*

i. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat sitta (6) ta' Diċembru 2023 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) ftehim kollettiv għal Staff tal-Universita' ta' Malta 2013-2019 (**Dok AB1** a fol 7 *et seq* tal-proċess); (b) ittra tat-3 ta' Marzu 2023 (**Dok AB2** a fol 15 tal-proċess); (c) ittra tal-10 ta' Lulju 2023 (**Dok AB3** a fol 16 tal-proċess); (d) rapport tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni tal-24 t'Awwissu 2023 (**Dok AB4** a fol 17 *et seq* tal-proċess); (e) ittra tal-15 ta' Settembru 2023 (**Dok AB5** a fol 21 tal-proċess); (f) ittra tal-11 t'Ottubru 2023 (**Dok AB6** a fol 22 tal-proċess); (g) protest ġudizzjarju (**Dok AB7** a fol 23 *et seq* tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-rikors datat ħdax (11) ta' Diċembru 2023 illi permezz tiegħu r-rikorrent talab illi l-kawża tinstema' u tinqata' b'urġenza, u d-digriet ta' din il-Qorti stess datat tnax (12) ta' Diċembru 2023 illi permezz tiegħu intlaqgħet it-talba tar-rikorrent;

9. Rat l-affidavit tar-rikorrent immarkat **Dok AB** a fol 33 *et seq* tal-proċess u l-ittra t'applikazzjoni mmarkata **Dok AB8** annessa miegħu a fol 36 *et seq* tal-proċess;

10. Rat l-affidavit ulterjuri tar-rikorrent immarkat **Dok BA** a fol 42 tal-proċess u d-dokumenti annessi miegħu, cioe *payslip* maħruġa mill-Universita' ta' Malta mmarkata **Dok AB10** a fol 43 tal-proċess, estratt mill-Ftehim Kollettiv immarkat **Dok AB11** a fol *et seq* tal-proċess, ittra illi turi illi t-terminu tar-rikorrent bħala *Associate Professor* jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2024 immarkata bħala **Dok AB12** a fol 47 tal-proċess, u estratt mill-*Manual of Conduct and Procedures* tal-Universita' ta' Malta mmarkat **Dok AB14** a fol 48-49 tal-proċess;

11. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Universita' ta' Malta datata dsatax (19) ta' Jannar 2024;

12. Rat l-affidavit ta' **Prof Isabel Kohout magħrufa bħala Prof Isabel Stabile** a fol 61-62 tal-proċess;

13. Rat l-affidavit ta' **Jacqueline Fenech**, a fol 64 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu u mmarkati **Dok JF1** u **Dok JF2** a fol 65 *et seq* u 134 *et seq* tal-proċess rispettivament;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Prof Alfred Vella** prodott mill-intimata in eżami u mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2024[1], u rat il-Ftehim Kollettiv għas-snin 2014-2018 minnu esebit u mmarkat **Dok AJV1** a fol 231 *et seq* tal-proċess, l-e-mail minnu esebita u mmarkata **Dok AJV2** a fol 321 tal-proċess, dokument bil-proposti għar-reviżjoni tal-proċedura illi permezz tagħha jingħataw il-promozzjonijiet, minnu esebit u mmarkat **Dok AJV3** a fol 320 *et seq* tal-proċess, u *power point presentation* minnu esebita u mmarkata **Dok AJV4** a fol 326 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Angele Attard Chetcuti** prodotta mill-intimata Universita ta' Malta in eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2024[2];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Jacqueline Fenech** prodotta mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2024[3];

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2024 a fol 345 *et seq* tal-proċess;

18. Rat ir-rikors tal-intimata Universita' ta' Malta illi permezz tagħha intalab illi tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, illi kienet skedata illi tingħata nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu 2024, stante illi rriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tar-Rettur tal-Universita' ta' Malta mogħtija waqt it-tlettax (13) ta' Frar 2024 illi waqt ix-xhieda nqata' r-*recording*, u rat ukoll id-digriet ta' din il-Qorti stess illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-Universita' intimata u, *inter alia*, irrikjamat il-kawża għat-tmienja (8) ta' Marzu 2024 sabiex terġa' tisma' x-xhieda tar-Rettur il-Professur Alfred Vella;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 222 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 335 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 337 *et seq* tal-proċess

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Prof Alfred Vella** riprodott mill-Universita' intimata in eżami, u mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024;

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Universita' intimata datata tnax (12) ta' Marzu 2024;

21. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

22. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

23. Jirriżulta mhux kontestat illi r-rikorrent:

- Ġie impjegat bħala *Assistant Lecturer* fl-Universita' ta' Malta nhar l-1 ta' Settembru 2016;
- Ġie promoss għal *Senior Lecturer* b'effett mill-20 ta' Frar 2019;
- Ngħata l-grad ta' *Associate Professor* b'effett mill-24 ta' Marzu 2020;
- Applika għall-promozzjoni minn *Associate Professor* għal Professur f'Ottubru 2022, iżda ġie dikjarat mhux eliġibbli għal dan il-grad. Dan permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 2023[4] u oħra datata 10 ta' Lulju 2023[5]. Hija din id-deċiżjoni da parti tal-Universita' ta' Malta illi wasslet għall-kawża odjerna;[6]

24. Il-promozzjoni għall-grad ta' Professur hija regolata mill-Ftehim Kollettiv għall-iStaff Akkademiku tal-Universita' ta' Malta. Fl-atti ġew esebiti żewġ Ftehim Kollettivi, wieħed għall-perjodu 2014-2018[7] u ieħor għall-perjodu 2019-2023[8]. Hekk kif ikkonferma r-Rettur tal-Universita' stess fix-xhieda tiegħu, il-Ftehim Kollettiv tal-2014-2018 ma japplikax għall-każ odjern[9].

[4] **Dok AB2** a fol 15 tal-proċess
[5] **Dok AB3** a fol 16 tal-proċess
[6] Vide l-affidavit ta' **Jacqueline Fenech** a fol 64 tal-proċess
[7] **Dok AJV1** a fol 231 *et seq* tal-proċess
[8] **Dok JF1** a fol 65 *et seq* tal-proċess
[9] Vide xhieda mogħtija nhar it-13 ta' Frar 2024, a fol 223a tal-proċess

Għaldaqstant, it-termini illi japplikaw għall-każ odjern huma dawk fil-Ftehim Kollettiv tal-2019-2023[10], u cioe:

> *26.8 The following are the criteria outlining the requirements for promotion for academics to the next applicable grade within the Resident Academic grade.*
>
> *[...]*
>
> *d.* ***Professor****: Awarded to Associate Professors following a sustained record of excellent academic work carried out at Senior Lecturer level and Associate Professor Level, of* ***not less than eight (8) years in total*** [emfasi tal-Qorti] *for distinction and excellence of academic and professional achievement that is recognised at the international level.*
>
> *An applicant for promotion to Professor should possess a solid track record in teaching, including supervision of postgraduate dissertations, particularly Masters by Research and Ph.D. Furthermore, the applicant must demonstrate excellent scholarship, mentoring and leadership. A sustained record of peer reviewed research output is required. Moreover,* ***the applicant's direct contribution to the University, society, culture and the economy at large and the international community will also be taken into consideration, and where extensive evidence may be seen, at the discretion of the Promotions Board, to partically compensate for other criteria.*** [emfasi tal-Qorti] *Peer assessment of an applicant's research output will be sought from other universities.*[11]

[10] **Dok JF1** a fol 65 *et seq* tal-proċess
[11] A fol 88-89 tal-proċess

25. Mhux qed jiġi kontestat illi r-rikorrent kien ilu inqas minn tmien (8) snin jgħallem bħala *Senior Lecturer* u *Associate Professor* fi ħdan l-Universita' ta' Malta qabel applika sabiex jiġi promoss għal Professur. Dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa l-interpretazzjoni tal-klawsola hawn fuq riprodotta. Ir-rikorrent jikkontendi illi din il-klawsola kellha tiġi interpretata fl-assjem tagħha, u cioe l-kontribuzzjoni t'applikant għall-Universita', is-soċjeta', il-kultura, l-ekonomija u l-komunita' internazzjonali għandu jikkompensa wkoll għall-fatt illi applikant ma jkunx għadu għamel tmien (8) snin fil-grad ta' *Senior Lecturer* u *Associate Professor*. Mill-banda l-oħra, l-Universita' ta' Malta qed issostni illi filwaqt illi l-kontribuzzjoni t'applikant kif suċitat jikkompensa għall-kriterji l-oħra msemmija fil-klawsola, it-tmien (8) snin huma *sine qua non* sabiex wieħed ikun eliġibbli għal promozzjoni;

26. Ir-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Ombudsman, u l-Kummissarju kkonkluda favur ir-rikorrent, u cioe:

> *From all the evidence at hand, it is quite clear that the practice – probably one of convenience – adopted by the said Board is that the criterion of years in the previous post (8 years for promotion to full Professor, 6 years for promotion to Associate Professor) is the crucial and only determining criterion as to whether a person is <u>eligible</u> for promotion (something which is different from whether a person <u>will eventually be promoted</u>). However a careful and exegetical reading of para. (d) of Article 26.8 of the Collective Agreement shows quite clearly that the "other criteria" for which partial compensation may be found in the applicant's contribution "to the University, society, culture and the economy at large and the international community" <u>includes</u> the criterion of years in one's current post or grade. Any other interpretation simply would not make sense. The criteria for promotion are <u>all</u>*

> *those* mentioned in paragraph (d) (and, in the case of promotion to Associate Professor, in paragraph (c)), and there is absolutely nothing in the wording of the Collective Agreement which suggests a distinction between the criterion of years in one's current post and the other criteria. The Collective Agreement is law between the parties and ubi lex voluit, dixit. Of course, everything is "at the discretion of the Promotions Board", in the sense that the Board must apply its mind to the facts as brought to its attention by the applicant, and come to proper decision. But it cannot foreclose the matter and rely solely on the criterion of years in order to declare the application for promotion as inadmissable.[12]

Il-Kummissarju għaldaqstant irrakkomanda illi:

> *[...] [T]he complainant's application be re-examined by the Promotions Board (which should not include the same persons who deliberated on the 11th January and 21st June of this year) and that specific consideration should be given to the compensatory criteria being invoked by the applicant (the complainant). Any decision, whether in favour or against, compensation should contain cogent reasons, which are also to be communicated to the complainant.*[13]

27. B'ittra datata 15 ta' Settembru 2023 indirizzata lill-Kummissarju, l-Universita' ta' Malta informat lill-istess illi *"the University is not in a position to implement the recommendation made in your final opinion"*, u dan peress illi *"the Promotions Board judged the matter correctly"*, meta ġie konsidrat illi, *"the eight-year eligibility criterion cannot be exchanged or otherwise compensated for with professional, political, philanthropic or*

[12] **Dok AB4** anness mar-rikors promotur, a fol 18-19 tal-proċess
[13] Ibid, a fol 20 tal-proċess

*other experience"*[14]. B'ittra datata 11 t'Ottubru 2023 indirizzata lir-rikorrent, il-Kunsill tal-Universita' informa lir-rikorrent illi l-eliġibilita' o meno għall-Promozzjoni kienet tispetta lill-Bord tal-Promozzjonijiet fi ħdan l-Universita' ta' Malta, u għalhekk, *"Council is not in a position to examine the merits of each and every application for promotion upon request, or to undertake a reconsideration outside of the current procedures."*[15];

28. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qed jikkontendi illi l-għemil amministiv illi wassal għad-deċiżjoni komunikata lilu mill-Universita' ta' Malta, sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) u/jew (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Ir-rifjut jammonta għal eċċess ta' awtorita' billi tali rifjut li jikkonsidra lir-rikorrent eliġibbli għal promozzjoni ta' Professur tmur kontra provvediment espress tal-Ftehim Kollettiv li jorbotha u li għandha saħħa ta' liġi bejn l-istess Awtorita' u l-impjegati tagħha, bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

    b. Fi kwalunkwe każ, tali aġir jammonta għal abbuż ta' poter ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-istess Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi l-Universita' ta' Malta qed tippersisti li irraġjonevolment tinjora l-konsiderazzjonijiet rilevanti a skapitu tar-rikorrent;

    c. Hu abbuż ta' poter illi l-Universita' ta' Malta, permezz tal-Kunsill, tabdika mir-responsabbilita' tagħha illi tiddeċiedi permezz tal-istess Kunsill kwistjonijiet ta' promozzjonijiet u minflok qiegħda tabbuża mill-proċedura u tiddelega b'mod vinkolanti tali deċiżjoni lill-Bord ta' Promozzjonijiet.

## A. <u>Eċċezzjoni Preliminari</u>

[14] **Dok AB5** anness mar-rikors promotur, a fol 21 tal-proċess
[15] **Dok AB6** anness mar-rikors promtour, a fol 22 tal-proċess

29. L-Universita' ta' Malta teċċepixxi preliminarjament illi, ai termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 ma japplikawx għall-kwistjoni in eżami, stante illi dak illi qiegħed jikkontendi r-rikorrent huwa illi l-Universita' intimata wettqet interpretazzjoni skorretta u żbaljata tal-Ftehim Kollettiv għall-istaff tal-istess Universita', b'dana għalhekk illi l-kwestjoni hija waħda illi titratta dwar interpretazzjoni ta' klawsoli fil-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent u konsegwentemnet għandha tiġi trattata b'kawża quddiem it-Tribunal Industrijali jew b'kawża ċivili quddiem din il-Qorti relattivament għall-interpretazzjoni tal-Ftehim Kollettiv;

30. Sabiex tissostanzja l-eċċezzjoni minnha sollevata, l-intimata Universita' ta' Malta tirreferi u tikkwota b'mod estensiv mis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Paulino sive Lino Schembri vs Ir-Rettur noe***[16], illi fiha l-attur, impjegat mal-Universita' ta' Malta bħala *visiting senior lecturer* b'kuntratt ta' mpjieg għal żmien definittiv fuq bażi ta' T9, konvertit għal kuntratt ta' mpjieg għal żmien indefinittiv, ngħata livell ta' T3.5 fis-sena akkademika 2018/2019. Din il-Qorti kif diversement presjeduta qajmet *ex officio* l-eċċezzjoni sollevata preliminarjament mill-Universita' ta' Malta fil-każ odjern, u qalet illi l-attur kellu rimedji ordinarji taħt il-liġi kuntrattwali, b'dana illi l-Qorti kellha tiddeklina li tieħu konjizzjoni tal-każ minħabba illi kienet inkompetenti illi tagħmel l-istħarriġ ġudizzjarju mitlub mir-rikorrenti. Din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet ukoll referenza għal sentenza preliminari mogħtija fl-ismijiet ***Josette Attard vs Rettur Universita' ta' Malta***[17] illi kienet tirrigwarda allegat ksur ta' Ftehim Kollettiv mill-Universita' intimata meta hija ma ġietx assenjata sabiex tgħallem fl-Universita', fejn, ironikament, l-Universita' intimata ssollevat l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-kawża għaliex tali azzjoni kienet ġiet intavolata a bażi tal-Artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta minflok fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet ċaħdet din l-

[16] Rik Nru 1178/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 27 t'April 2023. Din is-sentenza ġiet appellata, iżda l-appell ġie dikjarat deżert.
[17] Ċit Nru 432/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ illum S.T.O. Prim Imħallef M Chetcuti, 24 ta' Jannar 2012 (in ġudikat)

eċċezzjoni f'***Attard*** mhux a bażi tal-fatt illi l-azzjoni ma kellhiex tkun waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, iżda stante illi, *"L-għażla tal-impostazzjoni tal-kawża tispetta lill-attriċi u l-Qorti qed tiġi msejħa tiddeċiedi l-vertenza a bażi ta' dak mitlub. Il-Qorti ma għandhiex għalhekk tissindika opzjonijiet legali oħra mhux mitluba. F'dan is-sens għalhekk il-Qorti ma tistax takkolji l-eċċezzjoni ta' nullita' għax l-attriċi għoġobha timposta l-kawża kif ġiet impostata milli fuq binarji oħra kif suġġeriti mill-Universita'. Ovvjament dan ma jfissirx li l-attriċi impostat il-kawża fuq binarju ġust li jista' jwassal għas-suċċess mitlub. Dan hu l-mertu tal-azzjoni li għadu ma bediex f'dan l-istadju."*

31. L-Artikolu 469A(4) tal-Kap 12 jgħid:

> *Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.*

32. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Albert Cassar vs Enemalta Corporation***[18]:

> *L-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-qrati għandhom ġurisdizzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġà ngħad mill-qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba.*

[18] Rik Ġur Nru 176/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 12 ta' Lulju 2018 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-4 ta' Mejju 2022

*Il-qorti tifhem li, biex il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt lartikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih.*

*Ma għandux ikun hemm dubju li, fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-qorti tistħarreġ l-egħmil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju.*

33. L-Universita' intimata ssostni illi r-rikorrent kellu jirrikorri għat-Tribunal Industrijali, jew jintavola kawża ċivili quddiem din il-Qorti għall-interpretazzjoni tal-Ftehim Kollettiv ġialadarba l-kwestjoni mressqa quddiem din il-Qorti titratta interpretazzjoni ta' klawsoli fil-kuntratt t'impjieg li jirregolaw ir-rekwiżiti t'applikazzjoni għal promozzjoni;

34. Fl-ewwel lok jingħad illi l-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeċiedi każijiet t'allegazzjonijiet ta' tkeċċija inġusta, talbiet għal ammonti dovuta lil ħaddiem jew prinċipal wara tmiem ta' kuntratt ta' servizz, u każijiet illi jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Inudstrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Kap 452 jew ir-regolamenti preskritti taħtu. M'hemmx dubju illi l-kwestjoni odjerna mhix waħda illi tista' tiġi klassifikata taħt waħda mill-ewwel żewġ kategoriji ta' lmenti. Fir-rigward tat-tielet kategorija,

imbagħad, u cioe ta' dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Kap 452, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Association of Airline Pilots Malta (ALPA) pro et noe vs Air Malta plc***[19]:

> *Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b` mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*
>
> *[...] Mhux kontestat li l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi mal-konvenuta huma regolati bil-ftehim kollettiv. Il-ftehim kollettiv huwa ligi bejn il-kontraenti. Allegati vjolazzjonijiet tal-pattijiet u tal-kondizzjonijiet ta` ftehim kollettiv, kif hija del resto l-azzjoni attrici, mhux kompetenza tat-Tribunal Industrijali.*

Huwa evidenti għalhekk illi r-rikorrent ma kellux rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali;

35. F'dik imbagħad illi hija azzjoni ċivili "ordinarja", u cioe mhux waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, din il-Qorti tirrileva illi dak illi għandu jitqies huwa dak illi qiegħed jintalab fil-kawża odjerna. Dak illi r-rikorrent qiegħed jilmenta minnu huwa deċiżjoni ta' entita' meqjusa bħala awtorita' pubblika, stabbilita mill-Kap 327 tal-Liġijiet ta'

[19] Rik Ġur Nru 581/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 28 ta' Jannar 2021 (in ġudikat)

Malta, illi ddikjaratu ineliġibbli għal promozzjoni. Ir-rikorrent qiegħed isostni illi l-awtorita' pubblika marret *ultra vires* u abbużat mill-poter tagħha meta ma mxietx ma dak maqbul fil-Ftehim Kollettiv. Tali indaġini ssir fl-ambitu ta' kawża intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux f'kawża ċivili "ordinarja". Ir-rikorrent mhux qiegħed jitlob lil din il-Qorti tinterpreta l-klawsoli tal-Ftehim Kollettiv, iżda qiegħed jitlobha tinvestiga att amministrattiv magħmul minn entita' pubblika. Fuq kollox, l-Universita' intimata mhix qed tikkontesta l-fatt illi d-deċiżjoni illi minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent tikkostitwixxi egħmil amministrattiv kif definit mis-sub-inċiż (2) tal-Artikolu 469A, u in fatti ma ressqet l-ebda eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-unika rimedju illi kellu r-rikorrent għall-ilment tiegħu kien azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt intavola;

36. Finalment, din il-Qorti taqbel ukoll mar-rikorrent in kwantu jsostni illi l-fatt illi huwa qiegħed jilmenta mill-fatt illi l-Universita' intimata m'adottatx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Ombudsman jirrendi wkoll l-ilment tiegħu bħala wieħed sindikabbli f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, bħalma jirrendih hekk ukoll il-fatt innifsu illi l-Ombudsman investiga l-istess ilment qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna. L-Artikolu 64A(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ħoloq il-kariga tal-Ombudsman bil-funzjoni illi *"jinvestiga kull azzjoni li ssir minn jew f'isem il-Gvern, jew minn dik l-awtorità, dak il-korp jew dik il-persuna oħra skont ma jista' jiġi provdut b'liġi (inkluża awtorità, korp jew kariga stabbiliti b'din il-Kostituzzjoni),* ***li jkunu azzjonijiet li jsiru fit-twettiq tal-funzjonijiet amministrattivi tagħhom****"* (emfasi tal-Qorti). Il-fatt, għalhekk, illi l-Kummissarju għall-Edukazzjoni mhux talli wettaq investigazzjoni iżda talli ta wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, iwassal lil din il-Qorti sabiex b'konvinċiment ikbar tiddikjara illi hija kompetenti tagħmel l-istħarriġ ġudizzjarju mitlub mill-attur ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

37. Din il-Qorti sejra għalhekk **__tiċħad__** l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Universita' intimata.

## B. __Mertu tal-Każ Odjern__

38. L-ewwelnett, il-Qorti tfakkar illi dak illi hija qiegħda tiġi mitluba tagħmel, gialadarba din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju, mhux illi tiddeċiedi hi jekk ir-rikorrent jistħoqqlux ikun promoss għal Professur jew le, iżda illi tindaga jekk id-deċiżjoni meħuda mill-Universita' ta' Malta kinitx waħda legali. Tgħid **Hilaire Barnett** fil-ktieb tagħha ***Constitutional and Administrative Law***:

> *In the case of review, a successful case will usually result in the previous decision being nullified – or quashed – but no new decision will be put in its place. Instead, the body in relation to which a successful application for judicial reviews has been made will be directed to redetermine the case according to the correct rules and procedure, and it is by no means inevitable that the decision reached according to the lawful procedure will be more favourable to the individual than the original decision.*[20]

Hekk ukoll jgħid ir-rikorrent fil-ktieb tiegħu ***Maltese Administrative Law***[21]:

> *Indeed, there are two basic rules invariably applied in common law as regards judicial review of administrative action: the first norm is that, in judicial review, the court will not enter into the merits of whether a decision or an act is right or wrong, or whether it is fair or not, but only whether it is lawful. [...]*

[20] Barnett H, *Constitutional and Administrative Law* (Routledge, 10th Edn, 2013) p 569
[21] Borg T, *Maltese Administrative Law* (Kite Group, 1st Edn, 2021) p 146

> *The second golden rule is that, in judicial review cases, unlike human rights applications under the Maltese Constitution, the courts will limit themselves to declaring that an administrative act is null and void, but do not substitute their discretion for that of the public authority concerned.*

39. L-Artikolu 469A(1)(b) jistabbilixxi illi egħmil amministrattiv jiġi dikjarat null, invalidu jew mingħajr effett meta *"ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin: (i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew [...] (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;"* Din il-Qorti qiegħda tillimita ruħha għal dawn iż-żewġ sub-inċiżi stante illi huma ż-żewġ sub-artikoli illi jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent fir-rikors promotur;

40. Intqal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta et***[22]:

> *25. Huwa mifhum li meta tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv fit-termini tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12, il-Qorti trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li: (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha mil-liġi dik is-setgħa, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti.*

[22] Rik Nru 187/2016/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 11 ta' Marzu 2024

41. Osservat ukoll l-istess Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ganni Attard vs Direttur Ġenerali Dipartiment Veterinary and Phyto Sanitary***[23]:

> *57. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza patria u l-awturi kkwotati mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet* ***Tabone Computer Centre Ltd v. Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili, id-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u l-Avukat Generali****, fejn jinghad:*
>
> *"Issa hu veru li kull awtorita` trid tagixxi b'mod ragjonevoli, fis-sens li d-decizjoni taghha trid tkun wahda dettata bir-raguni* *<u>meqjusa c-cirkostanzi kollha rilevanti tal-materja</u>. [enfasi ta' din il-Qorti] Fil-kawza Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta' Malta et, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit22 ta' Dicembru 2003 intqal li:*
>
> *"It-'tests' ta' 'unreasonableness' fl-ezercizzju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza Kruse v. Johnson 1898 u b'dan il-mod: 'if they are manifestly unjust'; 'if they disclosed bad faith'; if they could find no justification in the minds of reasonable men."*
>
> *58. Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 2015 fl-ismijiet* ***Adrian Deguara v. Suprintendent tas-Sahha Pubblika****, fejn il-Qorti sahqet:*
>
> *L-ghoti tal-helsien mill-harsien ta' ligijiet sanitarji hija diskrezzjonali ghall-Bord, izda l<u>-ezercizzju ta' dik id-</u>*

[23] Rik Nru 114/2012/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Jannar 2016

*<u>diskrezzjoni huwa sindakabbli mill-qrati ordinarji jekk jirrizulta li hija rragjonevoli jew li ttiehdu konsiderazzjoni ta' fatturi li ma kellhomx jittiehdu jew ma ttiehdux konsiderazzjoni ta' fatturi li kellhom jittiehdu</u>. [sottolinear ta' din il-Qorti] Fil-kawza ricenti All for Property Ltd. v. Direttur Generali (Dwana), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2014, f'kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sar reassunt tal-principji legali applikabbli meta jsir stharrig ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni. Intqal hekk a propozitu:*

*"Fil-kuntest tas-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap. 469A dwar irrelevant considerations Lord Esher MR fil-kawza "R. vs St. Pancras Vestry" (1890) qal hekk:-*

*""They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion".*

*"Kif qal l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu Administrative Law, jikkummenta hekk:-*

*""A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason,*

*ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably." [Lord Wrenbury]."*

*"Il-Qorti tirreferi ghal dak deciz fil-kaz "Debono v Awtorita` Dwar itTrasport Pubbliku" fejn il-Qorti pprecizat li "l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) ma jfissirx li l-Qorti ser tezamina l-mertu tal-kaz quddiem l-Awtorita`, imma jekk l-Awtorita` wasslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta' improper purpose' jew konsiderazzjonijiet irrilevanti."*

42. Dwar l-element ta' **raġonevolezza** illi għandha tiġi applikata f'egħmil amministrattiv, issir referenza għal dak ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Camilleri et vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati et***[24]*:*

*Illi jista' jingħad li id f'id mal-kwestjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Din ukoll hija waħda mill-kawżali li fuqhom l-atturi jsejsu l-każ tagħhom. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita` amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction";*

*Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma*

[24] Rik Ġur 1087/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 24 ta' Frar 2022

*tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq, u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew theddid minn terza persuna jaf inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;*

*Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorita` mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;*

*Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorita` taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;*

*[...]*

*Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq . B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;*

*Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a*

*man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably". Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha;*

*Illi fis-sentenza* ***Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*** *Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decisionmaker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it'";*

*Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-*

*setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, "the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether". Dan hu hekk il-każ billi "There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision."; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, 'would require something overwhelming'. Intqal ukoll li 'unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification', u wkoll li "two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable"; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "whether the decision was one which a reasonable authority could reach". Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat;*

43. Applikata l-ġurisprudenza suriferita għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

44. F'dak illi jirrigwarda s-**sub-inċiż (b)(i)**, u cioe meta l-egħmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu, din il-Qorti rat illi l-Artikolu 77 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi l-Kunsill għandu l-funzjoni illi *"jagħti ħatriet għal karigi, ta' natura akkademika jew xort'oħra, skont proċeduri stabbiliti mill-istatuti"*. Fit-termini tal-Ftehim Kollettiv 2019-

2023, *"26.1 Members of the University are promoted by the Council of the University after receiving recommendations from a Promotions Board."*[25] Jidher għalhekk illi l-Kunsill iddelega l-proċedura għall-għoti ta' promozzjonijiet lill-Bord tal-Promozzjonijiet. Il-proċedura hija stabbilita fil-klawsola 29 tal-istess dokument, fejn hu delineat illi l-Bord tal-Promozzjonijiet tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha u tiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet illi jiġu sottomessi, iżda *"The decision of the Promotions Board is to be taken to the University Council for its approval at the next scheduled meeting of Council."* Huwa evidenti għalhekk illi d-deċiżjoni dwar jekk applikazzjoni għal promozzjoni tiġix aċċettata jew le hija effettivament tal-Promotions Board, iżda l-aħħar kelma hija tal-Kunsill. Madanakollu, fl-ittra mibgħuta lir-rikorrent mill-President tal-Kunsill, ir-rikorrent ġie mgħarraf illi, *"I regret that Council is not in a position to examine the merits of each and every application for promotion upon request, or to undertake a reconsideration of the current procedures. Rest assured however that Council gave due consideration to your request, even if the outcome is not as you had intended."*[26];

45. Mhuwiex ċar għal din il-Qorti jekk effettivament il-Kunsill ikkunsidrax l-applikazzjoni tar-rikorrent jew le, stante illi filwaqt illi l-Kunsill donnu qiegħed jaħsel idejh mill-applikazzjoni, fl-istess ħin jidher illi qiegħed jipprova jassigura lir-rikorrent illi l-applikazzjoni tiegħu ġiet ikkunsidrata mill-Kunsill. Madanakollu, ikkunsidrat il-kontenut tal-ittra spedita lir-rikorrent mill-Kunsill, din il-Qorti sejra takkorda l-benefiċċju tad-dubbju lill-Universita' ta' Malta, u tqis illi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet għaddiet quddiem il-Kunsill, illi ta wkoll l-approvazzjoni tiegħu fit-termini tal-Ftehim Kollettiv;

46. F'dak, iżda, illi jirrigwarda **s-sub-inċiż (b)(iii)**, u cioe illi l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi jsir għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun jilmenta mid-

[25] Vide **Dok JF1** a fol 88 tal-proċess
[26] **Dok AB6** a fol 22 tal-proċess

deċiżjoni tal-Universita' ta' Malta. Filwaqt illi huwa minnu illi, fi kliem ir-rikorrent stess, *"In all systems where there lies redress to an Ombudsman, the recommendations made by him are not enforceable in a court of law, and have no legally binding effect"*[27], din il-Qorti tasal taqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-klawsola 28.6 tal-Ftehim Kollettiv 2019-2023, u cioe illi *"the "other criteria" for which partial compensation may be found in the applicant's contribution "to the University, society, culture and the economy at large and the international community"* <u>includes</u> *the criterion of years in one's current post or grade."*[28] Kwalsiasi interpretazzjoni oħra tkun, fil-fehma tal-Qorti, irraġonevoli, kif definita l-istess irraġonevolezza f'ġurisprudenza kostanti suriferita;

47. Huwa minnu illi l-Ftehim Kollettiv jagħti lill-Bord tal-Promozzjonijiet id-diskrezzjoni illi tiddeċiedi jekk il-kontribuzzjoni fit-termini tal-klawsola 26.8 tal-applikant illi jitlob promozzjoni għandux jikkumpensa għall-kriterji l-oħra, fosthom, hekk kif ikkonkludiet din il-Qorti, għall-perjodu ta' żmien illi fih wettaq ir-rwol ta' *Senior Lecturer* u *Associate Professor*; madanakollu, jidher illi l-Bord tal-Promozzjonijiet lanqas biss wasal għall-punt illi fih seta' juża d-diskrezzjoni tiegħu, stante illi ddikjara lir-rikorrent ineliġibbli għall-post ta' Professur hekk kif irriżulta lill-Bord illi r-rikorrent ma kienx wettaq tmien (8) snin fil-kariga ta' *Associate Professor*. Infatti:

    a. fl-ittra datata 3 ta' Marzu 2023[29], ir-rikorrent ġie informat illi *"The Promotions Board noted that since you were promoted Senior Lecturer with effect from 20 February 2019 and Associate Professor with effect from 24 March 2020, you do not satisfy all the criteria as stipulated in article 26.8 of the Collective Agreement. The Promotions Board therefore agreed that you are not eligible for consideration for promotion to Professor."* Huwa evidenti minn din l-ittra illi l-Bord tal-

---

[27] Borg, T, op cit, p 134
[28] **Dok AB4** anness mar-rikors promotur, a fol 18-19 tal-proċess
[29] **Dok AB2** annessa mar-rikors promotur, a fol 15 tal-proċess

Promozzjonijiet ikkunsidrat biss it-terminu ta' tmien (8) snin stabbilit fil-klawsola 26.8 tal-Ftehim Kollettiv, u l-ebda kriterju ieħor;

b. fl-ittra datata 10 ta' Lulju 2023[30], ir-rikorren ġiet informat illi, *"The application was considered to be premature as, at the time of application, you had worked at Senior Lecturer and Associate Professor levels for less than four years instead of the required eight years as stipulated in the Collective Agreement."* Dan jikkonferma l-fatt illi l-Bord tal-Promozzjonijiet ikkunsidrat biss it-terminu ta' tmien (8) snin u l-ebda kriterju ieħor;

c. fl-ittra mibgħuta mir-Rettur tal-Universita' ta' Malta lill-Kummissarju tal-Edukazzjoni[31], ir-Rettur informa lill-Kummissarju illi r-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-rapport tiegħu ma setgħux jiġu implimentati, u dan minħabba illi, *"the eight-year eligibility criterion has been explicitly set out in the collective agreement as a baseline minimum requirement, and this following extensive negotiations with the relevant staff union. This eight-year eligibility criterion cannot be exchanged or otherwise compensated for with professional, political, philanthropic or other experience."*;

d. fl-affidavit tagħha **Jacqueline Fenech**, Direttur tar-Riżorsi Umani fl-Universita' ta' Malta, tgħid illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jiġi promoss għal Professur f'Ottubru 2022, iżda din l-applikazzjoni *"was not successful due to lack of the required experience of eight (8) years at Senior Lecturer and Associate Professor level"*[32];

e. mistoqsi jekk kinux ġew ikkunsidrati l-kriterji l-oħra elenkati fil-klawsola 26.8 għall-eliġibilta' tar-rikorrent sabiex jiġi promoss għal Professur, ir-Rettur wieġeb, *"Ma ġietx ikkunsidrata ebda xejn ħlief li ma kienx hemm it-tmien snin meħtieġ bħala deriger* (sic) *mill-applikant."*[33]

---

[30] **Dok AB3** annessa mar-rikors promotur, a fol 16 tal-proċess
[31] **Dok AB5** annessa mar-rikors promotur, a fol 21 tal-proċess
[32] A fol 64 tal-proċess
[33] A fol 225 tal-proċess

48. Filwaqt illi din il-Qorti ma temminx illi d-deċiżjoni tal-Universita' ta' Malta kienet xprunata minn xi preġudizzju illi membri tal-UMASA seta' għandhom għar-rikorrent kif minnu allegat, u lanqas temmen illi d-deċiżjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux jiġi promoss għal Professur jew le għandha tkun ibbażata unikament fuq in-numru ta' kotba li kiteb mingħajr konsiderazzjoni għall-impatt illi l-istess kotba jagħmlu fid-dinja akkademika, din il-Qorti tasal tikkonkludi a bażi tal-provi miġjuba quddiemha illi l-Bord għall-Promozzjonijiet wasal biss sal-ewwel kriterju meta kkunsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent, u cioe l-kriterju ta' tmien (8) snin. Dan mingħajr anqas biss ipproċeda sabiex jibda jikkonsidra jekk il-kriterju tal-kontribuzzjoni tar-rikorrent għall-Universita', s-soċjeta', l-kultura, l-ekonomija u l-kommunita' internazzjonali kienx ġie milħuq mir-rikorrent b'tali mod illi seta' jikkompensa għall-kriterju tat-tmien (8) snin;

49. Dan ikkunsidrat, din il-Qorti tikkonkludi illi l-Unviersita' ta' Malta aġixxiet *ultra vires* meta abbużat mis-setgħa tagħha billi sejset il-kunsiderazzjonijiet tagħha sabiex iddeċidiet illi r-rikorrent mhux eliġibbli sabiex jiġi promoss għal Professur unikament fuq il-kriterju tat-tmien (8) snin, u naqset milli tikkunsidra jekk ir-rikorrent kienx eliġibbli taħt kriterji oħra sabiex jiġi hekk promoss. Konsegwentement, **din il-Qorti tiddikjara d-deċiżjoni illi permezz tagħha l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata bħala nulla, invalida u mingħajr effett**.

## C. <u>Ħlas ta' Danni</u>

50. Fit-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Universita' ta' Malta hija responsabbli għal danni sofferti mir-rikorrenti jew li huwa għad jista' jsofri minħabba l-aġir illegali tagħha. Konsegwentement, fir-raba' talba tiegħu, ir-rikorrent jitlob il-likwidazzjoni tal-istess danni, u fil-ħames talba jitlob lil din il-Qorti tordna lill-Universita' intimata tħallas id-danni hekk likwidati;

51. Dawn it-talbiet qed isiru fit-termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12 illi jgħid:

> *(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

52. Id-danni illi qiegħed jitlob ir-rikorrent jirrappreżentaw id-dħul illi kien jipperċepixxi r-rikorrent li kieku ġiet approvata l-applikazzjoni tiegħu, u cioe d-differenza fis-salarju illi tilef per konsegwenza tal-fatt illi l-applikazzjoni tiegħu għall-promozzjoni ġiet rifjutata;

53. Huwa minnu illi qiegħed jiġi dikjarat illi d-deċiżjoni tal-Universita' in kwantu ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrent sabiex huwa jiġi promoss għal Professur kienet waħda meħuda fuq konsiderazzjonijiet irraġonevoli; madanakollu, din il-Qorti tqis illi dan il-fatt biss m'għandux jiġi interpretat fis-sens illi, li kieku l-Universita' kkunsidrat l-applikazzjoni tar-rikorrent fid-dawl tal-kriterji kollha stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv, l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet sejra awtomatikament tiġi approvata. Dan fid-dawl tal-premessi illi bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha bihom din il-Qorti aktar 'il fuq, cioe illi dak illi qed jiġi indagat mhuwiex il-mertu tad-deċiżjoni illi ttieħdet *per se*, iżda jekk tali deċiżjoni kinitx waħda *ultra vires* jew le. Il-Qorti ma tarax għalhekk illi jkun għaqli illi takkorda wkoll danni gialadarba m'hemm l-ebda garanzija illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet ser tiġi approvata li kieku ġiet ikkunsidrata fid-dawl tal-kriterji kollha, u mhux fid-dawl tal-kriterju tat-tmien (8) snin biss;

54. In oltre, fid-deċiżjoni tagħha illi ma tillikwidax danni, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi d-deċiżjoni finali illi minnha ilmenta r-

rikorrent ġiet komunikata lilu fil-11 t'Ottubru 2023, u cioe ħames (5) xhur ilu, u l-kawża odjerna ġiet mismugħa u deċiża b'urġenza;

55. Din il-Qorti sejra għalhekk **tiċħad** it-tielet, raba' u ħames talbiet rikorrenti.

**Decide**

56. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

a. **Tiċħad** l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Universita' intimata;

b. **Tilqa'** l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti;

c. **Tiċħad** it-tielet, raba' u ħames talbiet rikorrenti;

d. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Universita' intimata fil-mertu in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Universita' ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**